**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 706/97

George Falzon

vs

Dipartiment tas-Sahha u b' digriet tal-15 ta' Lulju 1999 Tabib Principali tal-Gvern

Illum 4 ta' Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1988 huwa sofra ingustizzja f'li gie moghti transfer vendikattiv, barra minn hekk beda jahdem 40 siegha flok 46 siegha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kien gie impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha fin-1973. Fil-bidu ta' l-impieg tieghu kien jaghmel xoghol bil-gaffa (Heavy Plant Driver). Fl-istess sena gie trasferit ghad-Dipartiment tas-Sahha jaghmel xoghol ta' Ambulance Driver. Fl-1974 huwa kien sar grupp C u baqa' jaghmel l-istess xoghol. Dak il-perjodu huwa kien jahdem 46 siegha peress li kien bix-shift. Fl-1979 gie trasferit Has-Serh fuq talba tieghu jaghmel ta' porter u baqa' jahdem 46 siegha. Ftit wara li nbidel il-Gvern fin-1987 huwa minghajr raguni gie trasferit l-RDC, meta mar hemm qabbduh biex isuq skammel huwa qallu li ma jsuqx dik it-tip ta' karozza u baghtuh jahsel l-art fejn ikun hemm bzonn. Wara li kien wasal ghal pensjoni gie trasferit mat-tobba jsuq u wara tela' fuq il-garage isuq il-vannijiet u meta tawh il-grad lura beda jsuq l-ambulanza wkoll. Ghaldaqstant huwa tilef madwar sena bi grad jew tnejn anqas minghajr l-ebda raguni.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni b'lura u l-beneficcji li ggib maghha, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie reinstated mal-Gvern fit-18 ta' April 1986 fil-grad ta' MT Driver,

Grupp C. Meta irtira fid-9 ta' Jannar 1991 kien jokkupa l-grad ta' Ambulance Driver liema grad kien jaqa' fi Grupp C ukoll u ghalhekk fl-ebda instanza ma kien nizel mill-grad li kien effettivament jokkupa.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni ta' George Falzon, talab lit- Tribunal joghogbu jichad it-talbiet kif dedotti fir-rikors stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fil-kawza msemmija xehed ir-rikorrent u semma li "b' referefenza ghal dak li hemm indikat fir-rikors il-fatti kollha hemmhekk imsemmija kif jidher a fol 1 tal-process niddikjara li dik hija l-verita` kollha."

Xehed Emanuel Delceppo li jahdem bhala Ambulance Driver fis-St. Vincent DePaule fejn kien jahdem ukoll ir-rikorrent. Ikkonferma wkoll li r-rikorrent kien baqa' jahdem ir-refuse. Meta kienu jahdmu bl-ambulanza kienu jahdmu bix-shift u allura kellhom shift allowance u li meta r-rikorrent gie trasferit ma baqax igawdi x-shift allowance.

Xehed Andrew Buhagiar Clerk fil-Human Resources Department fil-Health Division li semma li "mill-file jirrizulta minn korrispondenza li r-rikorrent kien gie trasferit ghall-RDC. Pero` ma tirrizultax ir-raguni ghaliex ir-rikorrent gie trasferit."

Xehed is-Sur Frank Attard li semma li l-promozzjoni ghal Ambulance Driver ma nghatatx lir-rikorrent mill-file minhabba "oversight".

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent ghamel zewg talbiet u cioe` wahda dwar li ma nghatax il-promozzjoni ghal Ambulance Driver u l-ohra dwar it-transfer. Illi dwar it-talba ghal Ambulance Driver din kif tidher mix-xhieda tas-Sur Attard kif ukoll minn tar-rikorrent kienet dovuta ghal "oversight" u ghalhekk ir-rikorrent

kien haqqu li jiehu tali promozzjoni u ghalhekk aktar l-isfel it-Tribunal sejjer jiddisponi dwar dan.

Dwar it-talba ghat-transfer din ma rrizultatx sufficjentement.

Ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat dwar it-talba ghal Ambulance Driver. Iqis it-talba tar-rikorrent bhala gustifikata u peress li f' dan l-istadju ma jistax jordna rimedju kumpensattiv izda biss kumpens finanzjarju, jirrikmanda li minhabba li l-perjodu ta' bejn l-1975 sal-1987 ma jistax jitqies mit-Tribunal dan ovvjament ma jistax it-Tribunal jitkellem dwaru. Illi dwar l-1987 sal-1991 meta effettivament ir-rikorrent irtira, jithallas is-somma tad-differenza fil-paga ta' bejn Motor Transport Driver u Ambulance Driver kif ukoll li l-ammont li ha bhala pensjoni jigi modifikat ukoll.

Spejjez kontra l-intimat.